# Beati u Qaddisin....Settembru

## San Vincenz de Paule 27 ta' Settembru

San Vincenz de Paul twieled fis-sena 1580 go familja numeruza tal-kampanja. Meta kellu biss 20 sena huwa gie ordnat sacerdot. Fis-sewna 1605 waqt vjagg li kien qd jaghmel minn Marsilja ghal Narbone huwa waqa' ilsir tal-pirati Afrikani u gie mehud bhala skjav gewwa Tunes. Hemm dan sentejn sakemm il-Providenza t'Alla ghenitu jahrab.



Wara waqfa qasira gewwa Ruma huwa rritornat lura fi Franza u sab xoghol ta' ghalliem lit-tfal ta' familja nobbli. Kien f'dak iz-zmien li hu induna u ra l-istat miseru spiritwali tal-fqar fi Franza.

Fis-sena 1617 huwa beda missjoni u ghall-priedki tieghu tant kienu jattendu nies li sacerdoti ohra kienu jigu minn inhawo ohra biex jghinu fil-qrar. Tmin snin wara huwa firex il-bazi biex iwaqqaf il-Kongregazzjoni tal-Missjoni, aktar tard maghrufa bhala l-Lazzaristi jew il-Vincenzjani.

L-Imhabba kienet il-virtu' predominanti ta' San Vincenz. Kien bniedem karismatiku kapaci jgib fondi ta' flus u ghajnuniet ohra minghand in-nobbli Francizi. Kien juzaw dawn ir-rigali biex jghin lill-foqra u lil dawk ghera fil-belt.

San Vincenz kellu minn ifixklu tant li qalghu gideb fuqu biex joskurawk mal-poplu, izda hu dejjem baqa' seren u kwiet bil-paci f'qalbu u mohhu, bl-intenzjoni uniku quddiem ghajnejh li jghogob biss lil Alla. Meta kien riesaq lejn tmien hajtu huwa sofra hafna mill-mard. Kien fis-27 ta' Settembru tas-sena 1660 fl-eta ta' 89 sena li halla dan il-wied tad-dmugh biex imur jiehu glorja quddiem Alla. Kien il-Papa Klement XII li fis-sena 1737 ghamlu qaddis u Ljun XIII ipproklamah patrun tas-socjetajiet karitatevoli.